ARBITRU

Dott. Deborah Schembri

Seduta ta' nhar l-Erbgha, 1 ta' Ottubru, 2025

Talba Nru: CCT95/23/DS

Dr Paul Vassallo

Vs

Mirage Holdings Ltd u d-ditta kummerċjali Flamingo

It-Tribunal

Ra l-avviż tar-rikorrenti pprezentat fit-13 ta' Gunju, 2023 fejn talbet illi s-soċjeta' intimata tagħti lura lir-rikorrenti il-Friġġ Liebherr Fri/Fre LH-CU3331 illi kienet iddepożitata għandha wara illi inxtrat mill-istess rikorrent bil-patt illi tiġi kkunsinjata f'data futura u dan ma seħħx u fil-każ illi dan ma jistgħax iseħħ, tħallsu s-somma ta' elf mija disgħa u ħamsin Ewro (€1159) jew somma verjuri li tirriżulta li hija r-replacement value tal-friġġ tar-rikorrenti fid-datat tad-deċiżjoni.

Ra illi s-soċjeta' intimata debitament notifikata bl-avviż tat-talba u tas-smiegħ intavolat risposta fejn mingħajr preġudizzju hija qablet li tirritorna lura lir-rikorrenti s-somma mħallsa minnu għall-prodott illi skontha, huwa għażel li ma jiġborx;

Ra illi l-partijiet preżentaw il-pożizzjoni tagħhom waqt dawn il-proċeduri;

Ra l-atti kollha tal-kawża.

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti bil-ġurament.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal m'għandu l-ebda dubju illi n-negozju dwar il-prodott mertu ta' din il-kawża kien konkluż, kemm tenut kont il-prova ta' ħlas kif ukoll mill-konferma tas-Sur Caruana Carabeż illi qal li ftakar li 'l-friġġ kienet imħallsa kollha'.

L-anqas m'għandu dubju li t-termini u kundizzjonijiet preżentati bħala prova u li s-Sur Luciano Martinelli kkonferma li huma l-uniċi termini u kundizzjonijiet tal-kumpanija ma japplikawx għal dan il-prodott stante illi huwa kien prodott imħallas fl-intier tiegħu.

Mill-ġurnata li tħallas il-prodott, sidu ma baqgħax Mirage Holdings Ltd. iżda s-Sur Paul Vassallo u Mirage Holdings kellha merament il-pussess tiegħu għaliex hija qablet ili żżommu lill-klijent sakemm jiġi bżonnu. Ix-xhud Caruana Carabez ukoll jgħid illi l-friġġ kellha tinzamm u għaldaqstant dan l-obbligu kien ċar għaż-żewġ naħat.

Ikkunsidra ulterjorment

Illi r-rikorrenti qiegħed jitlob il-prodott jew riżarċiment ekwivalenti għar-*replacement value*. Minn naħa l-oħra għalkemm is-soċjeta' intimata lesta li tagħti riżarċiment hija mhux lesta li tħallas aktar mill-prezz li ħallas ir-rikorrenti għall-istess friġġ.

Wara li analizza l-każ bir-reqqa dan it-Tribunal huwa tal-fehma li r-rikorrenti għandu raġun jippretendi l-friġġ lura għaliex din kienet imħallsa u s-soċjeta' intimata, f'dak l-istadju kienet biss qiegħda żżomm il-friġġ tar-rikorrenti liema friġġ kellha d-dover li tikkunsenja. Ta min jgħid illi t-termini u l-kundizzjonijiet li allegat is-soċjeta' intimata ma japplikawx f'dan l-istanti għaliex il-prodott kien mixtri u mħallas fit-totalita' tiegħu u n-negożju kien konkluż kompletament.

Peress illi l-friġġ m'għandhiex fil-pussess tas-soċjeta' intimata dan it-Tribunal ma jistax ħlief jikkundanna lill-istess soċjeta' intimata tagħti riżarċiment tal-prodott lir-rikorrenti. Il-valur illi dan it-Tribunal iqis ekwu huwa fil-fatt ir-*replacement* value tal-prodott stante illi l-prodott kellu jiġi kkunsinjat u ma ġiex u għaldaqstant ir-rikorrenti għandu kull dritt jixtri ieħor bħalu. Mill-provi jirriżulta li dan ir-*replacement value* hu l-ammont ta' elf mija u disgħa u ħamsin Ewro (€1159) u cioe dak mitlub mir-rikorrenti. Dan l-ammont joħroġ mill-provi prodotti mir-rikorrenti liema ammont ma ġiex kontradett.

Deċiżjoni

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha hawn fuq imsemmija, wara li ra l-atti, ra l-Kap 378 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara li qies iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, dan it-Tribunal jidhirlu illi r-rikorrenti prova il-każ tiegħu suffiċjentement u sal-grad rikjest mill-liġi u għalhekk skont il-mertu u l-ġustizzja sostantiva kif ukoll skont l-ekwita' iħoss illi t-talba tiegħu għandha tiġi milqugħa fl-intier tagħha.

Għall-dawn il-motivi, jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna s-soċjeta' intimata tirriżarċixxi l-ammont ta' elf mija disgħa u ħamsin Ewro (€1159) lill-attur filwaqt illi jeżonoraha milli tikkunsinja l-prodott.

Bl-ispejjes kontra l-istess soċjeta' intimata.

Deborah Schembri
B.A. (Leg. & Hum. St.) (Melit.),
M.A. (Bioethics) (Melit.), LL.D. (Melit.),
Adv. Trib. Eccl. Melit.

Arbitru